MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 541/2004

**Joseph u Mary konjugi Debono**

**Vs**

**Nutar Carmelo Gafa**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li jhallas dik is-somma li ghad trid tigi likwidata in linea ta' danni stante hsarat minnhom sofferti fuq il-fond residenzjali taghhom stante imperizja u negligenza fix-xoghol ta' kostruzzjoni li qed jaghmel il-konvenut fil-fond adjacenti, propjeta tal-konvenut.

Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ai fini ta’ kompetenza d-danni ma jeccedux elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut (fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi l-eccipjent ma kkawza ebda danni kif pretiz mill-atturi stante li l-esponent ghamel xoghol ta’ kostruzzjoni fil-fond tieghu skond il-Ligi u skond ir-regoli ta’ l-arti u s-sengha.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet moghti fis-16 ta’ Novembru 2004 (fol 9 tal-istess atti) u li bih gie nominat bhala espert tekniku sAbiex jirrelata dwar dan il-kaz, lill-AIC Godwin Abela.

Rat id-digriet moghti fit-2 ta’ Novembru 2005 (fol 22 ibid) u li bih gie sostitwit l-imsemmi espert tekniku, u minflok gie nominat l-A.I.C. Alan Saliba (ara ukoll fol 14 u fol 21 tal-istess atti).

Rat ir-relazzjoni tal-istess espert tekniku nominat fol 44 sa fol 100 tal-atti kif ukoll il-verbali ta’ access u seduti mizmuma mill-espert tekniku sostitwit (fol 13 sa fol 21 ibid) u n-nota tal-atturi (a fol 42 ibid).

Rat in-nota tal-istess espert tekniku u li biha wiegeb, bil-miktub ghal mistoqsijiet li saru ukoll bil-miktub, mill-konvenut (ara fol 102 u fol 106 ibid) kif ukoll ir-risposta tal-konvenut ghan-nota tal-espert tekniku.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza tirreferi ghal hsarat fil-proprjeta tal-atturi, kif specifikata fl-avviz inesami u dan allegatament ikkawzati minhabba imperizja u negligenza f’xoghol ta’ kostruzzjoni f’fond adjacenti appartenenti lill-konvenut. In rigward l-imsemmija hsarat u danni fil-proprjeta’ tal-atturi, dawn jinsabu elenkati u deskritti a fol 48 u fol 49 tal-atti (ara ukoll ir-ritratti annessi a fol 59 sa fol 67 ibid). Mill-provi li nstemghu u minn dokumenti eseibit (fol 69 u fol 70 ibid)

irrisulta li dawn il-hsarat ma kienux jesistu qabel ma nbdew ix-xogholijiet fil-post appartenenti lill-konvenut. Dan il-fatt ma hux kontestatat mill-konvenut. Pero dan qed jallega u jsostni illi l-istess hsarat ghandhom jkunu attribwiti ghal fatt, skond dejjem l-istess konvenut li l-bini tal-atturi ma giex kostruwit skond l-arti w is-sengha (dwar dan ara l-paragrafu enumerat 017 a fol 50 ibid). Illi, kif jidher fil-paragrafu sussegwenti enumerat 018, jidher li l-espert tekniku kien ikkostata illi "… taht l-istrippa tal-konkos tal-pedament tal-hajt divisorju huwa 'loose material" u ghalhekk "… il-hajt divisorju (ma) kienx mahsub biex isir skavar hdejh …". Dwar dan pero', l-istess espert tekniku, fil-paragrafru 021 a fol 51 issottometta illi l-materjal taht il-hajt divisorju zvara meta l-kuntrattur inkarigat mill-konvenut hammel parti sostanzjali biswit l-istess hajt divisorju sabiex jinbeda l-pedament fis-sod. Dwar dan, jinghad fl-istess paragrafu illi "… hemm diversi mezzi kif dan seta' jsir minghajr ma jkun disturbat il-materjal li hemm taht il-hajt divisorju … jew bi thaffir aktar diligenti, parti parti flimkien ma' l-irfid necessarju".

Illi, wara li eskluda diversi sottomissjonijiet ohra maghmula mill-konvenut sabiex dan jista' jesimi ruhu mir-responsabilita vis-à-vis il-hsarat risultanti fil-post tal-atturi, l-espert tekniku issottometta li l-hsarat fl-imsemmi hajt divisorju, fid-docca, fit-tarag u fil-madum estern, huma risultat dirett ta' caqlieq fil-materjal imsemmi taht il-pedamenti tal-post tal-atturi waqt li kien qed jsir skavar f'dak tal-konvenut. In rigward hsarat ohra fil-kumplament tal-post tal-attur, dawn kienu kagunati minhabba vibrazzjonijiet u caqlieq waqt l-istess skavar fil-vicinanzi (ara l-paragrafu enumerat 026 u 027 a fol 53 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, mill-premess jidher evidenti li l-hsarat fil-post tal-attur hu kollegat direttament max-xoghol ta' skavar li kien qed jsir fil-post tal-konvenut, liema hsarat bl-ebda mod ma jistghu jigu konsiderati bhala inevitabbli jew imprevedibbli. Filfatt, l-istess hsarat huma risultat dirett ta' nuqqas ta' prekawzjonijiet idonei waqt l-istess skavar u setghu, facilment, jigu previsti u evitati jekk ix-xoghol ta' skavar

sar skond kif hemm indikat fl-imsemmi paragrafu enumerate 021 fir-relazzjoni peritali (ara l-artikolu 1031, 1032(1), u 1037 tal-Kodici Civili).

Ikkunsidrat

Illi a fol 54 sa fol 56 et seq ibid, l-espert tekniku dahal "funditus" f'dak li jinvolvi xogholijiet rimedjali. Dawn globalment gew stmati Lm1,560 ossija €3633.82 izda mizjud b'ghoxrin fil-mija (20%) ghar-raguni specifikata fil-paragrafu enumerat 033 a fol 56 ibid.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-atturi s-somma kif hawn fuq likwidata, ta' Lm1870 ossija €4355.93 bl-imghax legali mid-data tallum stess sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------